31997R0832

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 832/97

tas-7 ta' Mejju 1997

li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2275/96 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-pjanti ħajjin u l-prodotti mill-florikultura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2275/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-pjanti ħajjin u l-prodotti mill-florikultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 2275/96 jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-miżuri sabiex jiżdied il-konsum tal-pjanti ħajjin u tal-prodotti mill-florikultura Komunitarji ġewwa l-Komunità u barra minnha;

Billi għandhom jiġu ddefiniti l-miżuri prinċipali eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja;

Billi dawm il-miżuri jridu jiffurmaw parti minn strateġija koerenti u tipprovdi l-garanziji rigward il-kisba fuq skond medju tal-miri ppjanati u għas-sodisfazzjon ta' l-interessi Komunitarji; billi jridu jimpenjaw lill-operaturi prinċipali fis-settur, jiġu ppreżentati fl-istess għamla u jkun fihom it-tagħrif meħtieġ għall-istima tagħhom;

Billi trid tiġi stabbilita l-proċedura li trid tiġi segwita u l-kriterji li jridu jiġu applikati sabiex kull sena jistabbilixxu l-Istati Membri illi fihom iridu jiġu implimentati l-miżuri promozzjonali u sabiex jiġi allokat l-ammont ġenerali fosthom;

Billi jridu jiġu stabbiliti l-proċeduri sabiex jiġu ssottomessi mill-organizzazzjonijiet professjonali l-applikazzjonijiet għall-assistenza u għall-istima u l-għażla tal-miżuri mill-korpi awtorizzati mill-Istati Membri; billi l-proċeduri għandhom jippermettu lill-Kummissjoni li tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri;

Billi għandhom jiġu stabbiliti d-disposizzjonijiet varji li jinteressaw it-twettiq ta' l-impenji li saru fil-kuntratti konklużi bejn il-partijiet interessati u l-awtorità kompetenti nazzjonali fuq il-bażi tal-kuntratti standard forniti mill-Kummissjoni;

Billi l-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-Kummissjoni għandha tinżamm mgħarrfa bir-riżultati tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Pjanti Ħajjin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-miżuri għalbiex jiżdied il-konsum tal-pjanti ħajjin u tal-prodotti mill-florikultura ġewwa l-Komunità u barra minnha riferiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2275/96 għandhom jiġu ppreżentati fl-għamla ta' programmi.

2. "Programm" għandu jfisser sett koerenti ta' miżuri li huma ta' skop suffiċjenti għalbiex jikkontribwixxu sabiex jiżdiedu d-disponiment mill-produzzjoni u l-konsum, u, meta approprjat, għal dan l-iskop, jgħinu l-produzzjoni fil-mira u jaddattawha għall-ħtiġiet tas-suq.

3. Il-programmi għandhom jiġu implimentati fuq perjodu taż-żmien ta' sena jew aktar mill-firma tal-kuntratti annwali riferiti fl-Artikolu 7(2).

Madankollu, it-tul taż-żmien tal-programmi ma għandux jaqbeż it-tliet snin mill-firma tal-kuntratt midħul għalih matul l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Il-programmi jistgħu jkopru l-miżuri li gejjin:

(a) l-organizzazzjoni ta' kampanji ġeneriċi promozzjonali fuq ir-radjo u t-televiżjoni, fl-istampa u permezz tal-kartelluni;

(b) l-organizzazzjoni ta' tagħrif fuq il-post tal-bejgħ;

(ċ) l-organizzazzjoni ta' fieri u avvenimenti oħra u l-parteċipazzjoni fihom;

(d) il-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet u materjal awdjoviżiv;

(e) l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' relazzjonijiet pubbliċi għal dawk li jiffurmaw l-opinjonijiet u għall-pubbliku ġenerali;

(f) it-tħejjija ta' għajnuniet tat-tagħlim.

[1] ĠU L 308, tad-29.11.1996, p. 7.

2. Il-programmi jistgħu jiġu akkumpanjati mill-miżuri addizzjonali li ġejjin:

(a) studji dwar is-suq u stħarriġ dwar il-konsumatur;

(b) it-tqassim lill-operaturi tar-riżultati tar-riċerka dwar il-*marketing*;

(ċ) l-iżvilupp ta' l-imballaġġ u preżentazzjonijiet ġodda.

3. Il-miżuri li jirċievu assistenza Komunitarja oħra jew li jirċievu assistenza nazzjonali jew reġjonali oħra ma għandhomx ikunu eliġibbli.

Madankollu, għas-snin 1997, 1998 u 1999, il-miżuri li jirċievu l-assistenza nazzjonali jew reġjonali li ma jaqbżux l-20 % ta' l-estimi finanzjarji totali jistgħu jkunu eliġibbli.

Artikolu 3

1. Dan li ġej għandu jiġi stabbilit kull sena skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 [1]:

(a) l-Istati Membri li fihom iridu jiġu implimentati l-kampanji promozzjonali minn gruppi li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4;

(b) l-ammont maħsub sabiex jiffinanzja dawn il-kampanji f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, l-ammont ġenerali li jiġi allokat b'rigward xieraq għall-valur tal-produzzjoni fl-Istati Membri interessati.

2. Fil-każ illi l-ammont kollu jew parti minnu allokat lil Stat Membru għal sena mogħtija ma jintużax, dan l-Istat Membru jista' jagħżel li jalloka dan l-ammont għal proġett ieħor magħżul li jkun għadu pendenti bħala riżultat ta' nuqqas ta' fondi sabiex jitħallas minn qabel l-ammont interessat. F'dan il-każ, l-ammont disponibbli għandu jerġa' jiġi mqassam *pro rata* mill-Kummissjoni fost l-Istati Membri interessati.

3. Għas-sena 1997, il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja disponibbli għandha tiġi mqassma kif ġej:

Il-Pajjiż	Il-Kwota (1000 ECU)	Il-Kwota (%)
L-Olanda	4 322,321	29,60
Il-Ġermanja	2 566,028	17,58
L-Italja	2 543,761	17,42
Franza	1 492,665	10,22
Ir-Renju Unit	908,608	6,22
Spanja	674,619	4,62
Id-Danimarka	550,089	3,77
Il-Belġju	490,844	3,36
L-Awstrija	243,411	1,67
L-Isvezja	193,308	1,33
Il-Greċja	183,216	1,25
Il-Finlandja	130,629	0,89
Il-Portugall	100,000	0,68
L-Irlanda	100,000	0,68
Il-Lussemburgu	100,000	0,68
EUR 15	14 600,000	100,00

Artikolu 4

1. Il-programmi riferiti fl-Artikolu 1 għandhom jiġu ppreżentati minn gruppi rappreżentattivi għall-operaturi f'fergħa jew aktar ta' attività fis-setturi tal-pjanti ħajjin u tal-prodotti mill-florikultura, bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-unjonijiet jew il-kummerċjanti tagħhom, l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

2. Grupp li jissottometti applikazzjoni għall-assistenza għandu jkollu r-responsabbiltà waħedha sabiex jimplimenta l-miżuri li għalihom tiġi konċessa l-assistenza finanzjarja. Il-grupp irid ikollu l-kapaċità legali meħtieġa għalbiex jimplimenta l-miżuri u għandu jkollu l-uffiċċju principali tiegħu fil-Komunità.

Artikolu 5

1. L-applikazzjonijiet għall-assistenza għandhom jiġu ssottomessi lill-korp kompetenti ta' l-Istat Membru li fih ikun lokat l-uffiċċju prinċipali tal-grupp sal-31 ta' Marzu ta' kull sena.

Madankollu, għas-sena 1997 it-temma taż-żmien sabiex jiġu ssottomessi l-applikazzjonijiet għandha tkun it-30 ta' Mejju.

L-applikazzjonijiet għandu jkun fihom it-tagħrif kollu elenkat fl-Anness u akkumpanjati bi:

(a) id-dettalji tas-sitwazzjoni rigward il-*marketing* u l-konsum tal-pjanti ħajjin u tal-prodotti mill-florikultura fir-regjuni interessati;

(b) ir-riżultati antiċipati tal-miżuri proposti u l-kapaċità li jiksbu l-miri ġenerali u speċifiċi stabbiliti fil-programm.

2. Il-korp kompetenti għandu jivverifika l-eżattezza tat-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni u l-konformità tiegħu mar-Regolament (KE) Nru 2275/96 u ma' dan ir-Regolament. Qabel it-30 ta' April ta' kull sena, u għas-sena 1997 qabel il-21 ta' Ġunju, l-Istati Membri interessati għandhom ifasslu fuq il-bażi tal-kriterji riferiti fl-Artikolu 6, lista proviżorja tal-miżuri magħżula sabiex jirċievu l-assistenza finanzjarja Komunitarja fil-limitu ta' l-ammonti stabbiliti skond l-Artikolu 3. L-assistenza finanzjarja għandha tammonta għal-60 % ta' l-ispiża attwali tal-miżuri magħżula.

[1] ĠU L 55, tat-2.3.1968, p. 1.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu minnufih lill-Kummissjoni l-lista proviżorja tal-miżuri magħżula flimkien ma' kopja ta' l-applikazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti lill-Istati Membri kull osservazzjoni li jista' jkollha dwar il-miżuri fil-kwistjoni bil-ħsieb li tiggarantixxi l-legalità u l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell Komunitarju. Mill-31 jum wara d-data speċifikata fil-paragrafu 2, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jfassal lista finali tal-miżuri magħżula u jibgħatha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 6

Il-lista ta' miżuri magħżula għandha titfassal, b'mod partikolari, fuq il-bażi tal-koerenza ta' l-istrateġiji ppreżentati, il-merti tal-miżuri proposti, l-impatt mistenni ta' l-implimentazzjoni tagħhom, u l-kapaċità tal-gruppi għalbiex jimplimentaw il-miżuri u l-garanziji ppreżentati rigward l-effiċjenza u n-natura rappreżentattiva tal-gruppi.

L-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-mizuri li jridu jiġu implimentati fit-territorji ta' aktar minn Stat Membru.

Artikolu 7

1. Il-korpi kompetenti għandhom jgħarrfu lill-applikanti mill-aktar fis possibbli bid-deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-assistenza.

2. Fi żmien xahar wara t-tfassil tal-lista tal-miżuri magħżula skond l-Artikolu 5(3), il-korpi kompetenti għandhom jikkonkludu kuntratti annwali ma' l-applikanti interessati.

Il-korpi kompetenti għandhom jużaw il-kuntratti standard forniti mill-Kummissjoni. Dawn il-kuntratti għandu jkun fihom il-kondizzjonijiet ġenerali li l-kuntrattur huwa kkunsidrat li jkun jaf u li jaċċetta.

3. Il-kuntratti ma għandux ikollhom effett sakemm il-kuntratturi ma jkunux iddepożitaw favur il-korp kompetenti garanzija ekwivalenti għal 15 % tal-finanzjament Komunitarju sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-kuntratt. Jekk il-prova tad-depożitu tal-garanzija ma tasalx għand il-korp kompetenti fi żmien ġimgħatejn mill-konklużjoni tal-kuntratt, il-kuntratt ma għandux ikollu effett legali iktar.

Il-garanzija għandha tiġi ddepożitata skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1].

Il-ħtieġa ewliena fit-tifsira ta' l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament għandha tkun l-implimentazzjoni, fil-limiti stabbiliti taż-żmien, tal-miżuri riferiti fil-kuntratt.

Il-garanzija għandha tiġi rrilaxjata fil-limitu taż-żmien u bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament għall-ħlas tal-bilanċ.

[1] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

4. Il-korp kompetenti kontrattanti għandu jibgħat minnufih kopja tal-kuntratt lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

1. Wara li l-kuntratt ikun ġie ffirmat, il-kuntrattur jista' jissottometti lill-korp kompetenti applikazzjoni għal ħlas bil-quddiem.

Dan l-avvanz jista' jkopri sa 30 % tal-finanzjament Komunitarju.

Il-korp kompetenti għandu jħallas l-avvanz mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru tas-sena interessata.

Il-ħlas ta' l-avvanz għandu jkun bla ħsara għad-depożitu favur il-korp kompetenti ta' garanzija ekwivalenti għal 110 % ta' dan l-avvanz skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

2. L-applikazzjonijiet għall-ħlas għandhom jiġu ssottomessi kull kwart tas-sena u akkumpanjati bid-dokumenti ta' appoġġ u rapport *interim* dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratt.

Madankollu, il-ħlasijiet u l-avvanz riferiti fil-paragrafu 1 ma jistgħux jaqbżu, meta aggregati, il-75 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali Komunitarja.

3. L-applikazzjonijiet għall-ħlas tal-bilanċ għandhom jiġu ssottomessi qabel it-tmiem tar-raba' xahar mit-tkomplija tal-miżuri koperti bil-kuntratt. Għandhom ikunu akkumpanjati bi:

(a) id-dokumenti approprjati ta' appoġġ;

(b) sommarju tax-xogħol imwettaq;

(ċ) rapport dwar il-valutazzjoni interna tar-rizultati miksuba, kif jistgħu jiġu aċċertati fid-data tar-rapport u dwar l-użu li jista' jsir minnhom.

Għajr f'każijiet ta' forza maġġuri, meta applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ mad-dokumentazzjoni rilevanti tiġi ssottomessa tard, il-bilanċ għandu jiġi mnaqqas bi 3 % għal kull xahar li fih ikun ingħata tard.

4. Il-ħlas tal-bilanċ għandu jkun bla ħsara li jiġu ċċekkjati d-dokumenti riferiti fil-paragrafu 3.

Il-bilanċ għandu jiġi mnaqqas fil-proporzjon tan-nuqqas tat-twettiq tal-ħtieġa ewliena riferita fl-Artikolu 7(3).

5. Il-garanzija riferita fil-paragrafu 1 għandha tiġi rrilaxxjata sakemm l-intitolament definittiv għall-ammont avvanzat ikun ġie stabbilit meta jitħallas il-bilanċ.

6. Il-korp kompetenti għandu jagħmel il-ħlasijiet riferiti fil-paragrafi 1 u 5 fi żmien tliet xhur minn meta jkun irċieva l-applikazzjoni. Madankollu, jista' jirritardja l-ħlas riferit fil-paragrafi 2 u 4 meta jkunu meħtieġa kontrolli addizzjonali.

7. Il-korp kompetenti għandu jibgħat ir-rapporti tal-valutazzjoni riferiti fil-paragrafu 3 lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli.

8. L-ammont ġenerali għal kull wieħed mill-Istati Membri stabbilit ta' kull sena skond l-Artikolu 3 għandu jiġi kkonvertit fi flus korrenti nazzjonali bir-rata tal-biedja tal-konverżjoni li tkun tapplika fl-1 ta' April tas-sena interessata. Madankollu, għas-sena 1997 id-data rilevanti għandha tkun l-1 ta' Mejju.

Artikolu 9

1. Il-korpi kompetenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa għalbiex jivverifikaw, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli tekniċi, amministrattivi u tal-kontabbiltà fuq il-kuntrattur, fuq kull sieħeb u subkuntrattur:

(a) l-eżattezza tat-tagħrif u d-dokumenti ta' appoġġ forniti;

(b) it-twettiq ta' l-obbligi kollha stabbiliti fil-kuntratt.

Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-kontrolli.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, meta l-kuntrattur jimplimenta l-miżuri fi Stat Membru ieħor minn dak li fih il-korp kompetenti kontrattanti jkun stabbilit, il-korp kompetenti ta' l-Istat Membru interessat għandu joffrilu l-assistenza kollha meħtieġa.

3. Il-korp kompetenti ta' l-Istat Membru interessat għandu jistabbilixxi l-iktar mezz approprjat għalbiex jitwettqu l-kontrolli fuq il-miżuri implimentati fil-pajjiżi terzi u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan.

4. Il-Kummissjoni tista' f'kull ħin tieħu sehem fil-verifiki u l-kontrolli riferiti fil-paragrafi 1, 2 u 3.

Tista' wkoll twettaq kontrolli addizzjonali jekk tikkunsidra dawn meħtieġa.

Artikolu 10

Matul l-aħħar sena tal-programm, għandha titwettaq valutazzjoni esterna tal-miżuri ppjanati u approvati minn korp indipendenti magħżul mill-Istat Membru bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-valutazzjoni esterna għandu jkun fiha valutazzjoni tar-rizultati miksuba fejn għandhom x'jaqsmu l-miri stabbiliti għall-mizuri ppjanati u approvati u analiżi ta' l-effettività taħt il-profil tal-ġestjoni u ta' l-ispejjeż ta' kull miżura u għall-programm kollu fuq il-bazi ta' l-indikazzjonijiet tat-twettiq tax-xogħol (il-produzzjoni u d-dħul).

Il-valutazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni minnufih.

Il-korp kompetenti għandu jħallas għall-valutazzjoni, li għandha tiġi ffinanzjata fuq l-istess kondizzjonijiet bħall-miżuri promozzjonali.

Artikolu 11

1. Fejn isiru ħlasijiet mhux dovuti, il-benefiċjarju għandu jħallas lura l-ammonti interessati flimkien ma' l-imgħax ikkalkolat fuq il-bażi taż-żmien li jgħaddi bejn il-ħlas u l-ħlas lura mill-benefiċjarju.

Ir-rata ta' l-imgħax li trid tiġi użata għandha tkun dik applikata mill-Istitut Monetarju Ewropew għall-ħidmiet tiegħu fl-*ecus* li tkun tapplika fid-data tal-ħlas mhux dovut, ippubblikata fis-serje "C" tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, miżjuda bi tliet punti perċentwali.

2. L-ammonti rkuprati u l-imgħax rilevanti għandhom jitħallsu lill-aġenziji u lid-dipartimenti tal-ħlas u dawn inaqqsu minnhom in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanziji fil-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Mejju 1997.

Għal-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-APPLIKAZZJONI GĦALL-ASSISTENZA

I.

TAGĦRIF ĠENERALI

1. **It-Titolu:**

2. **Il-Prodotti interessati:**

3. **Il-Miżuri:**

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

4. **It-Tul taż-żmien:** Sena ☐ Sentejn ☐ Tliet Snin ☐

5. **L-identifikazzjoni ta' l-Applikant:**

5.1. *Il-Grupp*

— L-Isem jew l-isem tal-kumpanija: .....

— L-Istat legali: .....

..... Id-Data meta stabbilit: .....

— Il-Post irreġistrat tan-negozju:

It-Triq: ..... Nru: ..... Il-Kaxxa Postali: .....

Il-Kodiċi Postali: ..... Il-Belt: ..... Il-Pajjiż: .....

In-Numru tat-Telefon: ..... In-Numru tat-Telex: ..... In-Numru tal-Fax: .....

— Id-dettalji bankarji:

L-Isem: ..... L-Aġenzija jew il-Fergħa: .....

It-Triq: ..... In-Nru: ..... Il-Kaxxa Postali: ..... Il-Belt: ..... Il-Pajjiż: .....

In-Nru tal-Kont: .....

5.2. *Is-Sieħba* (formola ghal kull wieħed)

L-Isem jew l-isem tal-kumpanija:				
L-Istat legali:	It-Tip: (1)	OP ☐	IT ☐	D ☐
		AS ☐	C ☐	O ☐
L-attività prinċipali:				
L-irwol fil-grupp: — Is-Sieheb ☐				
— Il-Kuntrattur prinċipali ☐				
Ir-responsabbiltà jew il-kontribuzzjoni sabiex jiġi implimentat il-programm:				
L-Esperjenza u r-Referenzi (il-qasam ta' l-attività):				
Il-Kontribuzzjoni sabiex jiġi ffinanzjat il-programn (fil-munita korrenti nazzjonali): — L-Ewwel Sena — It-Tieni Sena — It-Tielet Sena Total:				
Id-Dritt ghall-użu tar-riżultati:				

(1) OP = Organizzazzjoni tal-produtturi.
IT = Ditta tal-proċessar.
AS = Assoċjazzjoni.
C = Kummerċjant.
D = Bejjiegh bl-imnut.
O = Oħrajn.

6. **Il-Finanzjament tal-programm**

6.1. L-Ispiża totali tal-programm (1) (2): ..... (ecu)

6.2. Il-Kontribuzzjoni Komunitarja mitluba: ..... (ecu)

a) L-Ewwel Sena: ..... (ecu)

b) It-Tieni Sena: ..... (ecu)

c) It-Tielet Sena: ..... (ecu)

6.3. Il-Kontribuzzjoni tal-grupp: ..... (ecu)

li minnha:

— fondi proprji: .....

— self: .....

— ħlasijiet in natura: .....

— kontribuzzjonijiet oħra: .....

7. **Tagħrif ġenerali:**

Is-Subkuntratturi: Iva ☐ Nru ☐

Jekk iva, speċifika liema: .....

.....

Speċifika l-kompitu/i: .....

.....

.....

It-Tip ta' impenn: Kuntratt (3) ☐ Ohrajn (3) ☐

Jekk ohrajn, speċifika liema: .....

.....

8. **Dikjarazzjoni**

Dan/Dawn iffirmat/i hawn taħt jiddikjara/w:

a) illi huwa/huma għandu/hom il-fondi meħtieġa sabiex jiġi żgurat il-finanzjament tal-programm;

b) illi huwa/huma ma jirċevix/jirċevux assistenza finanzjarja Komunitarja oħra jew għotja oħra nazzjonali jew reġjonali egwali għal iktar minn 20 % ta' l-estimi finanzjarji totali.

....

(Id-Data) (Il-Firma) (4)

(1) Minbarra VAT.
(2) Għaż-żmien ta' l-implimentazzjoni tal-programm.
(3) Ehmeż kopja.
(4) Tal-persuna awtorizzata mill-grupp jew mis-shab.

II

ID-DESKRIZZJONI TAL-PROGRAMM

Il-programmi jrid ikun fihom mill-inqas dan li ġej:

1. Sommarju tal-programm li jirrigwarda l-aspetti riferiti fil-punti 3 sa 6 (mhux iktar minn żewġ paġni).
2. Ir-Raġunijiet u l-miri.
3. Il-miżuri proposti.
4. L-Istrateġija: il-miri li jridu jintlaħqu, il-metodi, il-fażijiet ta' l-implimentazzjoni u l-iskeda taż-żmien.
5. L-implimentazzjoni tal-miżuri: id-dettalji ta' l-aspetti tekniċi, xjentifiċi, ekonomiċi, finanzjarji, tal-medja u loġistiċi.
6. Ir-riżultati antiċipati u l-vantaġġi għas-suq tas-settur u tal-Komunità.
7. Il-kriterji sabiex jistmaw il-progress u r-riżultati mat-tkomplija tal-programm.
8. Il-prospetti rigward l-użu u t-tixrid tar-riżultati.

III.

L-ESTIMI FINANZJARJI

L-estimi finanzjarji netti għall-miżuri, qabel it-taxxa, espressi f'ecus, imqassma wieħed wieħed u rraġjonati [1], fejn juru kif l-ammont irid jiġi allokat skond il-kategorija u skond is-sena.

[1] Fuq il-bażi ta' l-estimi finanzjarji, il-piżijiet, eċċ. u, fil-każ ta' subkuntrattazzjoni, l-offerti.